**Minuti tal-425 laqgħa tal-Kunsill li saret
nhar it-Tlieta, 3 ta' Diċembru, 2013**

Il-laqgħa bdiet fis-6.05 ta' filgħaxija b'talba.

Item 1 – Attendenza u Apoloġiji

Preżenti kienu s-Sindku s-Sur Quinton Scerri u l-Kunsillieri s-Sinjuri Joseph Buttigieg, Brian Spiteri, Joseph Agius, Joseph Bonnici, Anna Calleja u John J Pace.

Il-Viċi-Sindku s-Sur Domenic Agius u s-Sinjuri Kunsillieri Mark Grech u Joseph Vella kienu skużati.

Is-Sur Marc Vella Bonnici daħal għal-laqgħa fis-6.40 ta' filgħaxija.

Preżenti għal-laqgħa kienet ukoll l-Ambaxxatriċi Lokali għaż-Żgħażagħ is-Sinjorina Ghislaine Bongailas.

Item 2 – Approvazzjoni tal-Minuti

Il-minuti tal-424 laqgħa ġew unanimament approvati fuq proposta tas-Sur Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sur Bonnici.

Item 3 – Mistoqsijiet u Affarijiet mill-Minuti

Is-Sur Bonnici staqsa jekk il-Kunsill ingħatax informazzjoni dwar l-art li qiegħda tintalab fi Triq il-Luq. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li kienet ser tintalab kjarifika mill-miktub mid-Dipartiment tal-Artijiet.

Dwar is-sistema ta' *one way* fi Triq l-Għarix, is-Sur Buttigieg staqsa jekk il-Kunsill kienx kiteb lil Transport Malta dwar il-problema li nħolqot hekk kif kienu ser jitwaħħlu t-tabelli ta' *one way* f'din it-triq u fi Triq San Ġużepp. Is-Sindku qal li kienet ser tingħata risposta definittiva minn Transport Malta dwar din il-materja. Is-Sur Buttigieg qal li jkun xieraq jekk Transport Malta jagħmlu t-*traffic lights* li l-Kunsill kien talab għal bosta drabi biex isiru fi Triq San Ġużepp ma' Triq Villabate biex jitnaqqas il-periklu. Is-Sur Pace qal li filwaqt li jaqbel mal-argument tas-Sur Buttigieg, l-istess problema qiegħda tkun fi Triq il-Kbira ma' Triq Hompesch u li Transport Malta kellha tindirizza billi tapprova li jsiru *traffic lights* f'salib it-toroq.

Is-Sur Buttigieg qal li d-dawl taż-*zebra crossing* f'Misraħ tal-Madonna Medjatriċi kien qiegħed jaħdem.

Item 4 – Skeda tal-Pagamenti

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill l-iskeda tal-ħlasijiet għall-perjodu 15 ta' Novembru, 2013 sat-3 ta' Diċembru, 2013 li kien jammonta għal €100,278.10. Dan ġie approvat unananimament fuq proposta tas-Sur Spiteri li ġiet issekondata mis-Sur Bonnici.

Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Spiteri, il-Kunsill approva unanimament il-*petty cash* għax-xahar ta' Novembru li kien jammonta għal €194.92.

Item 5 – Approvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju Jannar – Settembru 2013

Fuq proposta tas-Sur Spiteri li ġiet issekondata mis-Sur Buttigieg, il-Kunsill approva unanimament ir-rapport finanzjarju ta' kull kwart għall-perjodu Jannar – Settembru (tielet kwart).

Item 6 – Aġġudikazzjoni tal-Kuntratti – Live Streaming u Servizz ta' Works Manager / Project Co-Orinator

Fis-6.40 ta' filgħaxija s-Sur Vella Bonnici daħal għal-laqgħa.

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq quddiem il-Kunsill l-unika offerta li ġiet sottomessa għall-provvista, installazzjoni u kkumissjunar ta' *live streaming*. L-offerta kienet mingħand il-kumpanija AID Ltd u r-rati kienu kif ġej:

| | |
|---|---|
| Hardware | €1,758.10 |
| Service | €2,823.00 |
| Maintenance | €978 |
| Optional Streaming Hours | €1.00 per hour |
| Back up | No charge |

Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li tiġi aċċettata l-offerta wara li jiġi assigurat li l-kuntrattur ser ikun qed jimxi mal-ispeċifikazzjonijiet tal-kuntratt.

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq quddiem il-Kunsill l-offerti li ġew sottomessi għas-servizz ta' Works Manager / Project Co-Ordinator. L-offerti li l-Kunsill irċieva kienu mingħand:

| | | |
|---|---|---|
| Perit Edgar Gatt | 1) 2.5% | 2) 25% |
| Med Design Associated Ltd | 1)1.5% | 2) 2% |
| | (*Both services rounded to* 3%) | |
| Perit Mariello Spiteri | 1)0.5% | 2) 0.85% |

| | | |
|---|---|---|
| Perit Etienne Magri obo Design and Technical Resources Ltd | | |
| | 1)2.5% | 2) 1.5% |
| Perit Christopher Mintoff | 1) 0.7% | 2) 0.7% |
| Perit William Lewis | 1) 0.7% | 2) 0.7% |

Id-dokumenti tal-offerti kollha kienu kollha mimlija u ppreżentati kif mitlub.

Fuq proposta tas-Sur John J Pace li ġiet issekondata mis-Sur Vella Bonnici, il-Kunsill qabel unanimament li tintgħażel l-offerta tal-Perit William Lewis li minbarra r-rati kkwotati, is-servizz tiegħu bħala Works Manager / Project Co-Ordinator mal-Kunsill fis-snin li għaddew kien wieħed tajjeb.

Is-Sur Bonnici qal li fi Triq il-Ponsjetta hemm żewġ vettura u lanċa.

Item 7 – Rapport Kumitat *Ad Hoc – Written Off Items*

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li kien inbeda l-proċess biex jitneħħew l-affarijiet li kien hemm f'parti mil-librerija.

Il-Kumitat issa kien ser ikompli l-eżerċizzju billi jara x'hemm affarijiet li m'għadx għandhom użu biex dawn jiġu *written-off* jew l-Kunsill jiddisponi minnhom skont il-każ.

Item 8 – Rapport Kumitat Ad Hoc – *Derelict Vehicles*

Is-Sindku qal li kien iltaqa' mas-Sur Vella u mas-Segretarju Eżekuttiv dwar it-tneħħija ta' vetturi abbandunati. Is-Segretarju Eżekuttiv qara r-rapport li ħejja dwar il-laqgħa. Is-Segretarju Eżekuttiv qal ukoll li kien iltaqa' mal-Ispettur Said Sarreo, li minn naħa tiegħu kien ser jitlob awtorizzazzjoni mis-superjuri tiegħu biex ikun hemm arranġament biex tiġi adottata proċedura li permezz tagħha l-Kunsill flimkien mal-Pulizija jieħdu ħsieb li jitneħħew vetturi abbandunati mit-toroq tal-lokal.

Item 9 – Kompetizzjoni Kartoli tal-Milied

Is-Sindku qal li fl-4 ta' Diċembru kienet tagħlaq il-kompetizzjoni għall-aħjar kartolina tal-Milied li kienet miftuħa għat-tfal tal-iskejjel primarji ta' Ħaż-Żabbar. Il-ġurija kienet ser tevalwa s-sottomissjonijiet u tagħżel l-aħjar kartolina minn kull sena biex b'hekk l-aħjar sitt kartolini jiġu stampati.

Item 10 – Korrispondenza

Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-Ministeru għall-Edukazzjoni u l-Impjieg dwar il-programm Aqra Miegħi – *Read With Me* li huwa mmirat biex jagħti edukazzjoni ta' litteriżmu lit-tfal minn 0 sa 3 snin flimkien mal-ġenituri tagħhom fil-lokalitajiet. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Vella Bonnici, il-Kunsill qabel unanimament li l-Kunsill jipparteċipa f'din l-inizjattiva nazzjonali u joffri l-bini tiegħu biex isiru dawn is-sezzjonijiet għall-familji Żabbarin.

Inqrat korrispondenza li s-Segretarju Eżekuttiv kiteb lis-Sindku u lill-Kunsillieri fejn talab li peress illi minħabba pressjoni u esiġenzi ta' xogħol ma kienx possibbli għalih li jagħmel użu sħiħ mill-*entitlement* tal-*vacation leave* tiegħu għas-sena 2013, talab l-approvazzjoni tal-Kunsill biex iġedded 76 siegħa ta' *vacation leave* għas-sena 2014. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li jirrakkomanda lid-Direttur għall-Gvern Lokali biex jagħti dan it-tiġdid.

Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Buttigieg, il-Kunsill qabel ukoll li tiġi milqugħa t-talba tal-impjegati tal-Kunsill is-Sinjorina Sharon Camenzuli biex iġġedded 63.5 siegħat *time-off in-lieu* għas-sena d-dieħla, kif ukoll tal-impjegata s-Sinjorina Mary Rose Caruana biex iġedded 49.25 siegħa *time-off in- lieu* għas-sena 2014.

Dwar l-artiklu li deher fil-ġurnal 'It-Torċa' rigward vetturi mimlija ħadid u skart li tħallew fi Triq il-Kapuċċini, il-Kunsill fuq proposta tas-Sur Joseph Agius li ġiet issekondata mis-Sindku, qabel unanimament li jirreferi dan l-ilment lill-pulizija u lill-MEPA biex imbagħad ikun jista' jwieġeb għall-artiklu li deher fil-gazzetta.

<u>Item 11 – Komunikazzjoni mis-Sindku</u>

Is-Sindku semma s-servizz tal-*green wardens* u qal li l-gwardjani għandhom ikollhom ħin fiss biex jindirizzaw l-problema tal-*litter act*.

Is-Sindku qal li l-Kunsill kien ingħata €1,000 permezz ta' ċekk maħruġ mill-Ministeru għall-Enerġija u l-Konsum tal-Ilma għat-tiżjin ta' Triq is-Santwarju. Is-Sindku ppropona li b'dawn il-flus il-Kunsill iħallas għall-materjal li ser jintuża għal dan it-tiżjin u b'hekk il-Kunsill ikun qed iħallas għal parti mill-materjal u għall-konsum. Is-Sur Spiteri ssekonda lis-Sindku u l-Kunsill qabel unanimament ma' din il-proposta.

Is-Sindku tkellem dwar il-korsijiet tal-kompjuter organizzati mill-kumpanija TCTC u qal li l-korsijiet ser jibdew fl-ewwel ġimgħa ta' Diċembru.

Dwar il-librerija pubblika s-Sindku qal li l-bank HSBC ta *soft flooring blocks* għal *area* ddisinjata għat-tfal fil-librerija, filwaqt li ser tingħata wkoll għotja ta' kotba minbarra għajnuna oħra li ser tingħata għall-*bazaar*.

Is-Sindku semma l-*Weight Loss Challenge* li ser tiġi organizzata f'Jannar u ppropona li jingħata *T-Shirt* għall-okkażjoni. Is-Sur Joseph Agius issekonda l-proposta tas-Sindku u l-Kunsill qabel unanimament ma' din il-proposta.

Is-Sindku ppropona li l-Kunsill iwaqqaf Kumitat *Ad Hoc* kompost minnu, mis-Sur Spiteri, mis-Sur Buttigieg u mis-Sur Bonnici biex jistudja l-possibiltà ta' sistema ta' enerġija rinovabbli fil-Bini tal-Kunsill. Dan il-Kumitat għandu jieħu ħsieb li jiġi mħejji pjan ta' kif jista' isir l-aħjar użu mill-enerġija alternattiva permezz ta' fondi minn skemi tal-Unjoni Ewropeja.

Dwar il-*playing field* fil-Qasam tad-Djar, is-Sindku ppropona li jsir *railing* mad-dawra bil-għan li jkun hemm aktar sigurtà fil-bandli. Is-Sinjura Calleja ssekondat il-proposta tas-Sindku u l-Kunsill qabel unanimament li jinġabru stimi għal dan ix-xogħol.

Dwar is-separazzjoni tal-iskart u l-kuntratt li l-Kunsill għandu mal-kumpanija GreenPak, is-Sindku qal li flimkien mas-Sur Bonnici kienu ltaqgħu ma' rappreżentanti tal-kumpanija biex il-Kunsill jibda l-proċess biex jinqata' l-ġbir ta' boroż suwed nhar ta' Tlieta. Is-Sur Bonnici qal li qed jiġi propost li bejn Jannar u Marzu li ġej tibda l-kampanja biex jieqaf il-ġbir tal-borża s-sewda nhar ta' Tlieta.

Dwar il-kampanja edukattiva s-Sindku qal illi l-kumpanija GreenPak ser tagħti *stock* ta' boroż ta' reċiklaġġ għal kull dar u ser jagħmlu *billboards* f'postijiet prominenti.

Is-Sindku tkellem dwar l-attivitajiet illi ser isiru matul Diċembru u qal illi fil-15 ta' Diċembru bejn id-9.00 ta' filgħodu u s-1.00 ta' wara nofsinhar fi Triq is-Santwarju ser issir l-attivita` *Santa's Biggest Dress Up* b'kollaborazzjoni mal-programm Xarabank fejn fost affarijiet oħra ser issir iż-żifna uffiċjali tal-Milied ta' dan il-programm televiżiv kif ukoll attivita` ta' mużika, *bazaar*, esebizzjoni tal-armi kif ukoll *stands* tal-ikel. Dakinhar stess filgħaxija ser issir quddiesa bil-parteċipazzjoni tal-*bands* Winter Moods u Salt.

Għall-attività li ser issir fil-15 ta' Diċembru, is-Sindku ppropona li jiġu mistienda l-*caterers* li hawn f'Ħaż-Żabbar Maypole Confectionery, St Catherine's Caterers, Big Bun Caterers, Ta' Kalċ Bakery, D Xquisite, Le Petite Four, Bontà Confectionery u Baron Confectionery. Is-Sur John J. Pace issekonda lis-Sindku u l-Kunsill qabel unanimament.

Is-Sindku qal li għal din l-attività l-Kunsill ser ikun qiegħed iħallas għas-servizz ta' Pulizija, *mobile toilets* u *bins on wheels*. Is-Sindku qal li l-Ġimgħa, 13 ta' Diċembru 2013 il-programm Xarabank ser ikun qiegħed jippromwovi din l-attività u l-Kunsilliera qed jiġu mistiedna jattendu għal dan il-programm.

Is-Sur Pace qal li fl-attività tal-15 ta' Diċembru ser ikun hemm ukoll serata ta' għana f'Misraħ is-Sliem.

Is-Sindku qal li l-attivitajiet tal-Milied ser jingħataw prominenza bl-aħjar mod u ser jitqassam avviż iffinanzjat mill-GAL f'kull dar f'Ħaż-Żabbar biex ir-residenti jkunu nfurmati.

L-Ambaxxatriċi Lokali għaż-Żgħażagħ is-Sinjorina Ghislaine Bongailas qalet li mhux kulħadd jara l-messsaġġi fuq il-*mobile*, speċjalment l-anzjani u għaldaqstant tissuġerixxi li l-Kunsill juża mezzi oħra ta' komunikazzjoni biex jappella għall-parteċipazzjoni.

<u>Item 12 – *Performance Bonus* tal-Impjegati</u>

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq l-*appraisal report* tal-impjegati tal-Kunsill għall-perjodu Jannar – Diċembru 2013. Fuq proposta tas-Sur Vella Bonnici li ġiet issekondata mis-Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li l-impjegati Stephanie Testaferrata de Noto,

Mary Rose Caruana u Sharon Camenzuli jieħdu l-massimu (6%) tal-*performance bonus* filwaqt li Isabella Testaferrata de Noto tingħata 3% għall-perjodu 1 ta' Jannar – 16 ta' Lulju 2013 peress illi wara dan il-perjodu hija marret taħdem għal perjodu ta' żmien bħala Deputat Segretarju Eżekuttiv mal-Kunsill Lokali Birgu fuq struzzjonijiet tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali.

Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Buttigieg il-Kunsill qabel unanimament ukoll li s-Segretarju Eżekuttiv jingħata l-massimu (10%) tal-*performance bonus* għas-sena 2013. Is Sindku qal li minkejja d-diżgwid li kien hemm iħoss li għandu jkun hemm rieda tajba biex l-affarijiet jkomplu jimxu 'l quddiem.

<u>Item 13 – Komunikazzjoni mis-Segretarju Eżekuttiv</u>

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li kienu ġew sottomessi l-applikazzjonijiet tal-Kunsill taħt il-Miżuri 125 '*Resurfacing* ta' Triq Ħas-Sajjied', 413.A5 *Embellishment Projects* u għall-iSkema dwar Inizjattivi ta' Attivitajiet 2013-2014.

<u>Item 14 – Komunikazzjoni mill-Kunsillieri</u>

Is-Sur Buttigieg talab li tiġi rranġata l-bankina quddiem ir-residenza numru 18 fi Triq Castaldi, jinżebgħu mill-ġdid il-*hatching lines* li hemm f'Misraħ tal-Madonna Medjatriċi, kif ukoll jerġa' jitwaħħal arblu tad-dawl li kien hemm fi Triq tal-Labour.

Is-Sur Buttigieg talab ukoll li tiġi rranġata l-art quddiem residenza 'Markjul' fi Triq ix-Xgħajra peress li qiegħed iżomm l-ilma quddiem residenza fejn toqgħod persuna bi bżonnijiet speċjali.

Is-Sur Buttigieg issuġerixxa li bħas-snin l-imgħoddija tiżżejjen l-entratura taċ-Ċentru Ċiviku. Huwa talab ukoll li jiġi rranġat sprall li hemm ħdejn *St Angela Nursery School* fi Triq il-Kbira.

Is-Sinjura Calleja qalet li kienet irċiviet talba biex issir road *hump* fi Triq l-Avukat Pasquale de Lorenzo. Is-Sindku talab li ssir petizzjoni mir-residenti fejn jikkonfermaw li lesti jkollhom *road hump* fil-viċinanzi tar-residenzi tagħhom.

Is-Sinjura Calleja talbet li jitnaddaf sprall li hemm fi Triq Alessio Erardi u dan isir akbar milli hu fil-preżent biex l-ilma tax-xita jgħaddi aktar malajr.

Is-Sinjura Calleja nfurmat lill-Kunsill bl-eżitu tal-laqgħa li kellha mal-Fondazzjoni għas-Servizzi Edukattivi flimkien mas-Sindku dwar il-proposta ta' sessjonijiet ta' *storytelling* li mistennija jibdew isiru fis-sala tal-Kunsill.

Is-Sindku ta dettalji dwar konferenza stampa li ser issir fl-4 ta' Diċembru, 2013 u li għaliha ser jattendu l-Onorevoli Evarist Bartolo, Ministru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol kif ukoll is-Sur Gu Hongxing Direttur taċ-*China Cultural Centre*.

Is-Sinjura Calleja qalet li kienet attendiet għal seminar imtella mid-Dipartiment tal-Edukazzjoni dwar *Creative Little Scientists* u l-Kunsill ser ikun jista' jibbenifika mill-fondi li hemm għal din l-inizjattiva.
Is-Sur Joseph Bonnici talab li jsiru sinjali biex jindikaw kif wieħed jista' jasal għal-librerija pubblika.

Dwar il-*bring-in-site* ta' Triq Ħadd in-Nies, is-Sur Bonnici qal li minkejja t-talba li saret minn xi residenti, hu ma kienx qiegħed jaqbel li din titneħħa iżda għandu jiġi assigurat li din tinżamm kontinwament nadifa.

Is-Sur Bonnici ssuġġerixxa li terġa' issir is-siġra tal-Milied fiż-żona tal Qasam tad-Djar.

Is-Sur Joseph Agius informa lill-Kunsill dwar laqgħa li kellu mal-Kunsill Lokali Marsaskala dwar il-possibiltà li Ħaż-Żabbar jiġi nkluż bħala parti minn rotta ta' bliet u rħula turistiċi fin-nofsinhar ta' Malta. Is-Sur Agius qal li l-ispejjeż relatati ma' din l-inizjattiva, li tinkludi l-użu ta' *hop-on hop-off buses*, tammonta għal madwar €7,000. Is-Sur Agius qal li hemm il-ħsieb li fi żmien qasir issir laqgħa mal-Ministru responsabbli mit-Turiżmu kif ukoll ma' Transport Malta dwar din il-proposta.

Is-Sur John J. Pace nforma lill-Kunsill illi hemm il-possibilta` li seba' għannejja rappreżentati mill-Kunsill, bejn is-26 u t-30 ta' Ġunju li ġej imorru Povoà de Varzim il-Portugall biex jipparteċipaw fl-attivita` li ser tkun qed tittella` għall-okkażjoni. Is-Sur Pace qal li aktar 'il quddiem il-Kunsill irid jiddeċiedi min ser ikun qiegħed jirrapreżenta lill-Kunsill f'din l-attivita`.

Is-Sur Pace rringrazzja lil kull min ta sehmu biex ingħatat it-tilqima għal kontra l-influwenza.

Huwa qal ukoll illi fil-21 ta' Diċembru ser tkun qed tittella' l-attivita` Merħba lix-Xitwa. Is-Sur Pace qal li l-attivita` ta' *carol singing* fit-toroq ta' Ħaż-Żabbar ser issir fid-9 ta' Diċembru, 2013.

Is-Sur Pace talab li tiġi rranġata l-art ta' quddiem l-aħħar tarġa taz-zuntier tal-Knisja n-naħa ta' Triq is-Santwarju peress illi kien qiegħed iżomm l-ilma tax-xita.

L-Ambaxxatriċi Lokali taż-Żgħażagħ is-Sinjorina Ghislaine Bongailas qalet li d-dawl fi Ġnien il-Kunsill qiegħed ikun mitfi filgħaxija u dan qiegħed joħloq inkonvenjent speċjalment għal dawk li jiffrekwentaw dan il-post.

Is-Sinjorina Bongailas talbet li jiġi ssetjat it-*timer* tad-dawl biex dan il-post ma jkunx fid-dlam.

Is-Sindku qal li ser ikun qiegħed jiltaqa' mal-kuntrattur responsabbli mill-manutenzjoni ta' toroq u bankini biex isir xogħol ta' natura importanti.

Il-laqgħa spiċċat fit-8.15 ta' filgħaxija.

Duncan Busuttil
Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fil-426 laqgħa li saret nhar il-Ġimgħa 27 ta' Diċembru 2013.

Quinton Scerri
Sindku